# L-ARBLU TA' MEJJU

George Cilia

**Waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' tisbiħ u riġenerazzjoni ta' Pjazza San Ġorġ fil-Belt Valletta, inkixfet ħofra u ġebla li l-istoriċi ddikjaraw li kienet il-ħofra li fiha l-Kavallieri fi żmien l-amministrazzjoni tagħhom kienu jużaw għall-arblu l-arblu ta' Mejju.**

Illum din il-ħofra ġiet mgħottija bi ħġieġa b'iskrizzjoni bil-Malti u bl-Ingliż fuq plakka tar-ram li tgħid: *"Din il-ġebla kienet tintuża fil-jiem tal-Karnival biex tintlagħab il-kukkanja fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann. Din instabet f'Ġunju 2009 waqt xogħlijiet ta' tisbiħ ta' Misraħ San Ġorġ".*

Meta daħlet il-logħba tal-arblu ta' Mejju ma nafux eżatt. Ħafna għadhom jiftakruh sewwa għax sa wara l-aħħar gwerra (1940-1943) kien baqa' jsir 'l hawn u 'l hinn f'okkażjonijiet ta' festa u ta' xi fiera. Mhux bilfors kien isir fix-xahar ta' Mejju, għalkemm jissejjaħ l-arblu ta' Mejju. Din id-drawwa divertenti kienet fl-aqwa tagħha mal-mitejn u erbgħin sena ilu, sewwa sew fi żmien il-Gran Mastru Pinto (1741-1773) meta flimkien ma' xi mistednin, fosthom l-Inkwiżitur, il-membri tal-Munsill u xi Kavallieri joħorġu fil-gallarija tal-Palazz biex jassistu għal din ix-xena. Madankollu jibqa' l-fatt li wisq qabel kienet diġa' bdiet issir xi ħaġa tixbaħhom hawn Malta, għax fis-seklu sbatax, bejn l-1660 u l-1680 il-Gran Mastru Cottoner kien jifraħ bil-festa tal-Arblu ta' Mejju.

Xi deskrizzjonijiet jgħidulna kif lejlet l-ewwel ta' Mejju, u mhux nhar l-ewwel tax-xahar, kien isir id-divertiment mistenni wara nofsinhar. Kienu jidħlu għal dan il-logħob xi qalbiena li jaraw kif se jitilgħu għal dak l-ikel u x-xorb li jkun hemm fil-quċċata mal-arblu. L-arblu hekk imsejjaħ ta' Mejju kien jikkonsisti f'arblu oħxon, mill-itwal, arbulat



IL-KUKKANJA

*Mill-internet*

f'nofs il-Pjazza tal-Belt, dritt quddiem il-Palazz tal-Gran Mastru. Fuq nett bandiera żgħira tperper mar-riħ, filwaqt li jkun hemm ukoll ċirku mdendel orizontalment bil-ħbula, u bl-ikel marbut maċ-ċirku.

Imdendel kien ikun hemm supressat, ġbejniet, zalzett, xi fenek, flixkun inbid, u borża tal-flus – premju sabiħ għal dawk iż-żminijiet. Il-konkorrenti qalbiena jagħmlu ħilithom biex jaslu sal-bandiera; min jittajjar, min jaħbat, min jitħabat, min jiċċaqlaq, min jixxengel, u min jgħajjat. Kien ikun hemm għors liema bħalu; il-ġgajtiet jiftiehmu kif se jaslu għal dak l-ikel, wara ħafna qabżiet li jippruvaw bla suċċess, dejjem jiżolqu għax l-arblu jkun midluk bix-xaħam. Fl-aħħar jagħmlu għoqod u ngases biex magħhom il-qalbiena jqabbdu saqajhom u b'hekk, wieħed wara l-ieħor, jitilgħu sa ma ta' fuq jaqbad il-bandiera fost iċ-ċapċip tan-nies.

L-istoriku u kittieb Dun Ġużepp Farrugia, fil-ktieb *Id-Drawwiet tal-Maltin* (1909) jikteb hekk fuq l-arblu ta' Mejju:

*Fih tassew biex wieħed jixxiegħel malli tara qatgħa rġiel jiżolqu addoċċ huma u telgħin mal-arblu midluk bix-xaħam u jitgerbu fuq xulxin. Meta dak li jkun, ħafif daqs għasfur, jirnexxielu bit-tielgħa u bin-nieżla, u wara ħafna tqanżiħ u tbatija, jitla' sal-quċċata u jaħtaf il-bandiera, l-ewwel ma jagħmel jaqbad il-flixkun tax-xorb, ilegleg boqqa ġmielha, u mbagħad għal isfel iwaddab fuq sħabu kemm ħwejjeġ tal-ikel ikun hemm imdendlin, u jsir għors li ma bħalu.*

## FI ŻMIEN L-INGLIŻI

Fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża nsibu li nhar l-4 ta' Mejju, 1814, il-Gvernatur Sir Thomas Maitland (1813-1824) ħareġ proklama li biha ħabbar tlett ijiem festi b'tifkira tar-rebħa li kellhom l-alleati, fosthom l-Ingilterra, fuq Napuljun Bonaparti, u billi mal-bidu ta' dan ix-xahar kien isir is-soltu divertiment tal-arblu, Maitland ittrasferih għall-ewwel jum tal-festi, biex dan il-logħob popolari mal-Maltin ikabbar l-entużjażmu tar-rebħa Brittanika.

Il-Gvernatur Sir William Reid (1851-1858) kien ordna d-divertiment tal-arblu ta' Mejju fl-anniversarju tal-festi tal-Imperu Ingliż. Il-Gvernatur kien isostni li l-Maltin għatihom id-divertiment – *panis et circensis*, u joqgħodu kwieti.

## X'NIFTAKAR

Jien niftakar sewwa s-snin erbgħin, meta l-ħajja bdiet ġejja għan-normal wara t-tifrik tal-gwerra. Il-kottonera kienet l-aktar li sofriet, b'telf ta' ċittadini u opri storiċi u artistiċi. Kienu reġgħu bdew jiġu organizzati fieri għall-ġbir ta' flus b'risq il-festi titulari, u fix-Xewkija, post li jagħmel mal-Kalkara, saret fiera b'logħob għat-tfal u għall-kbar. Jispikka fin-nofs kien hemm l-arblu ta' Mejju. Okkażjoni oħra, imma għall-istess skop, kienet ġo Pjazza Santa Margerita. Ħafna kienu l-qalbiena li ppruvaw jaslu sa fuq nett, iżda ħadd ma rnexxielu. F'daqqa waħda jitfaċċa tifel li pprova jitla' mal-arblu, u bi ftit għajnuna minn sħabu wasal sal-quċċata, laħaq il-bandiera, u rebaħ l-ikel kollu li kien hemm. L-ispettaturi, fost iċ-ċapċip u l-għajjat

ferriehi, entużjażmaw qalbhom u bdew jistaqsu dak it-tifel min kien. Xi ħadd mill-folla għajjat li dak kien mill-Birgu, t-tifel ta' Ċensu, magħruf bħala Ċensu l-Vesa.

Minn dak iż-żmien 'l hawn qatt ma niftakar li rajt arblu ta' Mejju ieħor f'xi post f'pajjiżna. Imma dawn l-aħħar snin reġa' beda' jiġi organiżżat għall-Karnival. Nagħlaq b'żewġ strofi mis-sunett tat-tabib Ġan Franġisk Bonamico, versi li għadhom friski wara tliet mitt sena:

**Mejju ġie bil-ward u ż-żahar**
**Għadda l-bard, ix-xita u l-beraq**
**Tgħattiet l-art bin-nwar u l-weraq**
**Heda r-riħ, siket il-baħar.**

**Tar is-sħab minn wiċċ is-sema**
**Sa fl-iġbiel nibtet il-ħdura**
**Reġgħet tgħanni kull għasfura**
**U fil-ferħ kull qalb tirtema.**

**© George Cilia**

# L-ARBLU TA' MEJJU JEW IL-KUKKANJA?

Hu interessanti li nies ta' ċertu eta', l-aktar jekk ikunu mill-ibliet tal-Kottonera, jirreferu għall-arblu tal-kukkanja bħala l-arblu ta' Mejju, mqar jekk ħadd minnhom ma jiftakar li dan l-arblu fi żmienhom qatt intrama għall-ewwel ta' Mejju. Dik li tissejjaħ il-**CALENDIMAGGIO** hi tradizzjoni u drawwa qadima li għadha magħrufa ħafna fl-Italja tal-lum. Il-festi li jsiru fiha huma marbuta max-xahar ta' Mejju, u mal-qawmien mill-ġdid tan-natura mir-raqda tagħha tax-xitwa. F'dawn il-festi jkun hemm l-ikel, u l-frott, u l-ward, u anke arblu twil li miegħu isir ħafna logħob, u li fl-aħħar mill-aħħar hu simbolu falliku.

Issa hu magħruf li l-***Calendimaggio*** kien jiġi ċċelebrat anke f'Malta ta' żmien il-Kavallieri. Fl-artiklu tiegħu *The Music of the Knights*[45] Joseph Vella Bondin jgħid li nhar l-aħħar ta' April, għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, fuq palk armat f'Misraħ San Ġorġ kienet tindaqq kompożizzjoni mużikali, msejħa *Cantata*, li tkun inkitbet apposta għall-*Calendimaggio* minn xi kompożitur magħruf Taljan ta' dak iż-żmien. Il-mistieden tal-unur kien ikun il-Gran Mastru. Minn dawn il-kompożizzjonijiet, jgħid is-Sur Vella Bondin, għandna waħda għal kull sena bejn l-1720 u l-1777. Imma hemm ukoll manuskritt ta' *Cantata* oħra li nkitbet għas-sena 1713. Jiġifieri l-festi tal-***Calendimaggio*** f'Malta jmorru lura mill-inqas sa dak iż-żmien.

L-istudjuż Malti Giovan Francesco Buonamico, li twieled fil-Belt Valletta fl-1639, u li kien it-tabib u l-kunsilleri tal-Gran Mastru Nikola Cottoner (1663-1680), kiteb ġabra ta' poeżiji bil-Latin, u ddedikaha lill-Gran Mastru. Fosthom kien hemm ukoll waħda bil-Malti, li sa ma nstabet il-*Cantilena* ta' Pietru Caxaru, kienet l-eqdem kitba bil-Malti magħrufa għal ħafna żmien. In-nies jafuha bħala "Mejju Ġie bil-Ward u ż-Żahar" u joħroġ ċar li l-poeżija tfaħħar lil Mejju, u ssemmi l-qawmien mill-ġdid tan-natura f'dan iż-żmien. X'aktarx li nkitbet biex tinstema' jew tinqara għall-***Calendimaggio***, u jekk inhu hekk, dawn il-festi jmorru lura aktar mis-seklu 18.

Kif għidna, l-*cantata* kienet titkanta fit-30 t'April, qabel inżul ix-xemx. L-għada filgħodu, l-ewwel ta' Mejju, fl-istess pjazza San Ġorġ, kien jintrama l-arblu ta' Mejju. F'artiklu ieħor, *Teatro e Folclore a Malta nel Secolo Decimottavo* miktub minn J. Eynaud fl-1973[46] jissemma wkoll dan l-arblu, u J. Eynaud jirreferi għalih bħala *'l-albero di Maggio' o 'la cuccagna'*, biex allura hawnhekk nistgħu norbtu l-Arblu ta' Mejju mal-Kukkanja tal-lum. J. Eynaud jikkwota wkoll lil Achille Ferris li, tajjeb jew ħażin, kien qal li l-arblu tal-Kukkanja kien daħħlu f'Malta il-Gran Mastru Zindadori (1720-1722)[47].

Mela r-rabta tal-Kukkanja mal-***Calendimaggio*** u x-xahar ta' Mejju hi ċara. Imma daqshekk ieħor hi qadima r-rabta tal-Kukkanja mal-Karnival. Dr. Injazju Saverju Mifsud, li twieled għall-ħabta tal-1722, hu l-aktar magħruf għal xi priedki bil-Malti miktuba f'xi manuskritti li ħalla warajh. Imma dan Mifsud ħallielna wkoll fil-Biblijoteka erbgħa u għoxrin volum manuskritt, msejħa *Stromati*, li fihom niseġ nisġa ta' tifkiriet tiegħu dwar ġrajjiet li seħħew f'Malta fi żmienu. Issa dan Injazju Saverju Mifsud kien dilettant kbir tal-Karnival, u ma naqasx li sena wara sena, jsemmi xi jkun sar fil-karnival tal-Belt fi żmienu. Il-Kukkanja tissemma għal sena wara l-oħra. Nhar it-Tnejn tal-Karnival, 25 ta' Frar, 1754, kienet għamlet ħafna xita. Imma l-Kukkanja saret xorta. Skont Mifsud, l-uniku ntopp li nqala' kien li dawk li kien moħħhom biex jitilgħu mal-arblu, iddejqu jistennew ix-xita tieqaf, u meta ma setgħux jissaportu aktar, ħebbew għall-għassiesa għassa mal-arblu, tajruhom min-nofs, u taw is-salt biex jitilgħu għal dak l-ikel u x-xorb imdendel fil-quċċata minkejja li kien għadu ma ngħatax is-sinjal[48].

Jidher għalhekk li l-Kukkanja kellha l-bidu tagħha mal-festi tal-ewwel ta' Mejju, il-***Calendimaggio***, imma li kmieni ħafna bdiet issir ukoll fil-Karnival u f'xi festi u fieri oħra. Għalkemm ir-rabta ma' Mejju issa ilha li ntilfet, għax iċ-ċelebrazzjoni tal-***Calendimaggio*** ilhom li ntemmu fostna, ħafna nies, l-aktar jekk ikunu mill-Kottonera, baqgħu isejħu lil dan il-logħob "l-Arblu ta' Mejju".

L-Editur

45 Melita Historica, Vol XII, Nru. 4, 1999, pagna 384.

46 Melita Historica, Vol VI, Nru 2, 1773, pagna 154.

47 *Memorie dell-Inclito Ordine Gerosolimitano nelle isole di Malta*, Malta, Busuttil, 1881, pagna 258.

48 John J. Cremona, *The Carnival of Malta*, Melitensium Amor, Festschrift in honour of Dun Ġwann Azzopardi, Malta, 2002.